# "L-EWROPA MINGĦAJR FRUNTIERI" U L-PRESIDENZA EWROPEA ĊEKA

Fl-ewwel ta' Diċembru, preċiżament xahar qabel ma' r-Repubblika Ċeka tieħu f'idejha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ewwel sitt xhur tas-sena 2009, tnieda s-sit elettroniku uffiċjali tal-Presidenza. L-informazzjoni ħa tkun disponibbli bil-lingwa Ingliża, Franċiża u Ċeka. Dan is-sit se jkun aġġornat kontinwament b'attivitajiet kurrenti li jkunu qegħdin isiru b'rabta mal-Presidenza l-ġdida. Għalhekk, se jkun iktar faċli li l-pubbliku ġenerali, l-esperti u l-mezzi tax-xandir isibu din l-informazzjoni kollha marbuta mal-Presidenza tal-Kunsill fuq sit wieħed.

L-Istat Membru responsabbli mill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għandu ħafna rwoli importanti matul dan il-perjodu kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-organizzazzjoni kif ukoll politikament. Fost dawn insibu li l-Presidenza l-ġdida tara li jkompli jitwettaq ix-xogħol mal-Presidenza ta' qabel (dik Franċiża f'dan il-każ), kif ukoll ma' dik ta' wara (li ħa tkun f'idejn l-Isvezja). Il-Presidenza tirrappreżenta wkoll lill-UE fuq livell internazzjonali. Ir-Repubblika Ċeka mhijiex l-ewwel Stat Membru ġdid minn fost l-għaxar pajjiżi li ssieħbu fl-UE fl-2004, li ħa jassumi l-Presidenza. Dan għaliex matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2008 kien hemm l-Islovenja.

Qabel ma' Stat Membru jieħu f'idejh ir-riedni tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE hemm bżonn xhur sħaħ ta' tħejjija dwar x'għandhom ikunu l-prijoritajiet, kemm fuq livell nazzjonali, kif ukoll fuq livell Ewropew. Barra minn hekk hi meħtieġa koperazzjoni, mal-presidenza ta' qabel kif ukoll ma' dik li tkun ġejja warajha. Dawn it-tliet pajjiżi jifirxu l-informazzjoni u jaqsmu l-esperjenzi bejniethom. Fil-fatt, tfassal programm wieħed ta' 18-il xahar biex ikun pjanat ix-xogħol tal-Presidenza Franċiża, dik Ċeka, u dik Svediża.

Il-mottu tal-Presidenza Ċeka, li għażel il-Gvern Ċek immexxi minn Mirek Topolanek, hu "L-Ewropa mingħajr Fruntieri". Dan jirrifletti l-erba' libertajiet li tħaddan l-UE li huma l-moviment ħieles tal-prodotti, tal-kapital, tal-ħaddiema u tas-servizzi. B'dan il-mottu l-Presidenza lesta li tkompli tifrex iktar bis-sħiħ dawn il-libertajiet fundamentali filwaqt li tisħaq għal aktar libertà ta' moviment tal-informazzjoni u tat-taħriġ. Il-prijoritajiet ewlenin tal-Presidenza Ċeka huma tlieta: l-ekonomija, l-enerġija u r-relazzjonijiet barranin.

F'sitwazzjoni inkwetanti ta' kriżi finanzjarja madwar id-dinja, hemm bżonn li l-Presidenza tħeġġeġ iktar kompetittività u fiduċja fost il-konsumaturi, kif ukoll fost l-intrapriżi ż-żgħar fis-suq ekonomiku Ewropew. Ma' dan għandu jkompli t-tisħiħ fir-riformi liberali fuq il-baġit, il-politika tal-UE u ż-żieda tal-impjiegi fl-Ewropa. Dwar l-enerġija, il-Presidenza għandha tfittex iktar bilanċ bejn x'hemm bżonn li jsir għal ambjent aħjar u għall-ħarsien tal-kompetittività u s-sigurtà tal-enerġija. Il-mira li trid tintlaħaq hija li fil-futur qarib l-Ewropa tkun qiegħda tħaddan politika ta' enerġija komuni.

Qed issir enfasi wkoll fuq ir-relazzjonijiet barranin speċjalment dawk mal-Istati Uniti tal-Amerika, li f'Jannar li ġej ikollha amministrazzjoni ġdida mmexxija mill-President Elett Barak Obama, u mal-pajjiżi tal-Balkani. Mal-Istati Uniti hemm bżonn ta' iktar tisħiħ fil-kooperazzjoni fejn tidħol is-sigurtà u r-relazzjonijiet ekonomii, filwaqt li mal-pajjiżi tal-Balkani qed tingħata iktar importanza fejn jidħol it-tkabbir tat-territorju tal-UE permezz tas-sħubija eventwali ta' dawn il-pajjiżi fis-snin li ġejjin. Wieħed jista' jsib iktar informazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-Presidenza Ċeka: http://www.eu2009.cz .

Fl-ewwel jiem ta' Jannar, l-Ambaxxatur tar-Repubblika Ċeka għal Malta, is-Sur Vladimír Zavázal, se jippreżenta l-prijoritajiet tal-Presidenza Ċeka waqt djalogu pubbliku li se jiġi organizzat mill-istess Ambaxxata Ċeka u l-Konsulat Ġenerali tar-Repubblika Ċeka f'Malta flimkien mal-MEUSAC, bis-sehem tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarjiet Barranin, Dott. Tonio Borg.




***Minn Brenda Azzopardi***
*MEUSAC*



Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*2590 9101*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*